# FIL-QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMHALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**tlieta (3) ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru 391/19 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dr Tonio Grech (ID 260360M) bħala mandatarju specjali tal-assenti Avukat Lorenzo Alfonso Burana (Kodici Fiskali BRN LNZ 64H09G535D) ta' nazzjonalita Taljana u residenti via Chiossetto, n. 2, Milano, Italia**

**Vs**

**Dr Dustin Camilleri u l-PL Melissa Anastasi bħala Kuraturi Deputati maħtura b'digriet tat-8 ta' Mejju 2019 għas-socjeta' estera Getoil Limited, (Registrazzjoni Nru M.I. 40212), registrata f'P.O. Box 105, Majuro, Marshall Islands**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' April 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

> *Illi l-avukat Lorenzo Alfonso Burana, il-prinċipal tal-esponent, kiseb sentenza fil-Qorti ta' Milan, l-Italja kontra s-socjeta' intimata Getoil Limited. Tali sentenza annessa u mmarkata Dok. A, bit-traduzzjoni tagħha bl-Ingliz Dok. B.*

*Illi tali sentenza hija definittiva u dana kif jirrizulta mil-ħames paġna ta' Dok. A (u l-ħames paġna tat-traduzzjoni għall-Ingliz Dok. B).*

*Illi jeħtieg illi din is-sentenza tigi eżegwita f'Malta u kwindi l-esponent qiegħed jipprezenta r-rikors odjern ai termini ta' l-artikoli 36 u 39 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru, 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali bin-numru 1215/2015 u dana sabiex jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi ma hemm l-ebda raguni ai termini tal-Artikolu 45 illi fuqha jista' jkun hemm rifjut ta' rikonoxximent tad-deċiżjoni fuq imsemmija.*

*Illi tabilħaqq, kif jirriżulta mill-annessi dokumenti, is-socjeta' intimata hija debitriċi tal-esponent nomine fl-ammont ta' tnejn u tletin elf u fiames mitt Ewro (€32,500) kif ukoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża.*

*Illi hu meħtieg illi tali sentenza tigi ezegwita f'Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent nomine jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tiddjara u tiddeċiedi illi ma hemm l-ebda raġuni ai termini tal-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru, 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali bin-numru 1215/2015 illi a bazi tagħha jista' jsir rifjut tar-rikonoxximent tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' Milan, l-Italja, datata l-14 t'Awissu, 2018 u dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

2. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2019, Dr Dustin Camilleri u l-PL Melissa Anastasi gew maħtura bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-Ligi għas-socjeta' estera Getoil Limited.

3. Rat illi fis 16 ta' Settembru 2019, il-kuraturi deputati laqgħu għat-talba billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Illi d-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Mejju, 2019;*

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;*

*Illi l-esponenti jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm il-darba jirnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuti;*

> *Illi l-esponenti qegħdin jitolbu minn issa l-indirizz u/jew dettalji oħra li jista' jkollhom l-atturi li permezz tagħhom jkunu jistgħu jikkuntatjaw lil konvenuti;*
>
> *Illi f'dan l-istadju l-esponenti ma għandhomx noti u dokumenti x'jipprezentaw, kwindi jirrizervaw d-dritt li jagħmlu dan fi stajdu ulterjuri, jekk jkun l-kaz;*

4. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019, il-Kuratur Deputat Dr Dustin Camilleri għarraf lill-Qorti illi pprova jikkomunika mas-socjeta' estera Getoil LImtied, iżda ma rċieva ebda komunikazzjoni.

5. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019 il-partijiet qablu illi l-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza.

6. Rat ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 illi tipprovdi għar-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea gewwa Malta.

7. Rat id-dokument maħrug mit-Tribunale Ordinario Di Milano R.G. 39132/18 u DI 19749/18fl-4 ta' Settembru 2018 (fol 6).

8. Rat illi, abbazi tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament 1215/2012, ma hemm l-ebda raguni għalxiex tali talba ta' rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti ta' Milan gewwa l-Italja ma għandhiex tintlaqa';

9. Tiddikjara li l-proceduri odjerni u d-dokumentazzjoni esebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

10. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tiegħu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* kif dedotti;

Tiddikjara li qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti ta' Milan, gewwa l-Italja fl-ismijiet **<u>Avv Lorenzo Alfonso Burana vs Getoil Ltd</u>** bin-numru R.G. 39132/2018 datata 14 ta' Awissu 2018;

Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 1215/2012 tal-Unjoni Ewropea;

Bl-ispejjez kontra l-intimat nomine.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**